NEWSPAPER POST

# Il-Belt VICTORIA

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Lulju - Awissu 1998

Nru. 103



## Messaġġ ta' l-Arċipriet

***Il-Glorja ta' S.Ġorġ tidher f'dan:***

– Hu li minħabba l-fidi nisranija tiegħu kien mistkerraħ mis-setgħanin ta' l-art ġie mweġġaħ minn Alla li minnu kull setgħa.

– Hu li minħabba l-lealtà tiegħu lejn Kristu ġie maqtul mill-għedewwa, ingħata l-ħajja glorjuża f'Alla li hu l-għajn ta' kull ħajja.

– Hu li minhabba n-nonkonformizmu tiegħu twarrab mill-pagani, illum hu sar l-għożża ta' insara bla għadd.

***Dan hu l-misteru ta' S.Ġorġ:***

- Grazzja li nzergħet fiż-żmien.
- Virtù li kibret maż-żmien.
- Glorja li għelbet iż-żmien għax għandha għeruqha fl-eternità.

Dalwaqt niccelebraw b'solennità, pompa u eleganza din il-glorja ta' S.Ġorġ fil-festa popolari li l-komunità tagħna tagħmel ta' kull sena f'Lulju. Tabilħaqq, antikament kienet issir fit-23 t'April...imma t-tifkira tiegħu fostna tant stagħniet bl-elementi ta' festività skond il-kultura tagħna u l-periklu li tithassar minħabba l-maltemp tipiku t'April li tant iweġġa l-personalità reliġjuża tagħna ta' qabilna talbu li tiġi trasferita aktar minn darba sakemm issa qed nagħmluha fit-tielet Ħadd ta' Lulju. Din il-festa kif niċċelebrawha llum, għandha tlett dimensjonijiet u dawn jimmarkaw it-tlett tarġiet fl-evoluzzjoni / tiswir tagħha.

1) ***Dimensjoni interna:*** Hu fl-intern tar-ruħ (spirtu) li t-tifkira ta' S.Ġorġ tnisslet. F'dan id-dawl kull wieħed u waħda minna niġu msejħa għal-konverzjoni.

2) ***Dimensjoni liturgika:*** Bic-celebrazzjoni Ewkaristika fil-knejjes, Kristu, bl-intercessjoni ta' S.Ġorġ isejħilna għat-talb u t-tifħir 'l Alla.

3) ***Dimensjoni tar-Reliġjosità popolari:*** Meta l-festa ta' S.Ġorġ issir okkazzjoni ta' aggregazzjoni, element kostituttiv ta' kultura u tintrabat ma diversi identitajiet nazzjonali ssawwar fil-qalb tal-komunità sejħa għall-partecipazzjoni.

*ikompli, aqleb* ☞

IL-BELT
VICTORIA
RIVISTA TA' KULL XAHREJN
Uffiċċju Editorjali:
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex. • Tel / Fax : 55 63 77

# EDITORJAL

## Waslet il-Festa

Qiegħedin fil-bidu tal-festi li l-parroċċa tagħna ta' kull sena tiċċelebra fit-Tielet Ħadd ta' Lulju ad unur San Ġorġ Megalomarti, patrun ta' beltna u tal-gzira Għawdxija.

Mijiet u eluf ta' nies joħonqu l-Bażilika Ġorġjana f'dawn il-jiem. Maltin u barranin jaraw x'wettqet imħabbitna matul is-sekli li għaddew biex nagħtu ġieħ lill-Prinċep tal-Martri u biex nżejnu t-tempju t'Alla iddedikat lilu. Dan kollu jagħmlilna unur lilna li komplejna fuq dak li għamlu ta' qabilna.

Xieraq għalhekk li f'dawn il-jiem tal-festa waqt li nkunu nifirħu u nsellmu lil Ġorġi Tagħna fit-tempju tiegħu, nieqfu ftit u naħsbu x'għamlu ta' qabilna u jekk aħna, aħniex nimxu fuq il-passi tagħhom. Jeħtieġ li nibqgħu nħobbu l-parroċċa tagħna kif ħabbewha u ssagrifikaw ruħhom għalija missirijietna.

Barra dan matul il-jiem tal-festa għandna wkoll nifirħu. Għandna biex nifirħu! Iżda nifirħu b'ferħ nisrani. Ferħ li ma jweġġa' lil ħadd! Ferħ li jkabbar il-festa! Ferħ li juri li aħna nsara maturi li l-festa tal-patrun tagħna nafu niċċelebrawha b'mod sollenni u dinjituż.

Għalhekk f'dawn il-ġranet sbieħ ta' festi kbar nieħdu sehem sħiħ fil-funzjonijiet fil-Bażilika tagħna u nassiguraw ruħna li nhar il-festa nersqu għat-Tqarbin Imqaddes. B'hekk biss inkunu nuru kemm tabilħaqq lill San Ġorġ inħobbuh.

### Messagg ta' l-Arċipriet *jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

Il-festa ta' S.Ġorġ hija parti mill-kultura tagħna hekk li f'Għawdex ma nistgħux nitkellmu minn festi jekk jigi eliminat S.Ġorġ li sar l-eżempju tal-festi popolari tagħna
Imma l-aktar importanti hi d-dimensjoni interna. Fuq kollox lil S.Ġorġ irridu narawh u ngħożżuh bħala
– Persuna għażiża (twennisna).
– Nisrani eżemplari (tgħallimna).
– Qaddis setgħan (jgħinna).
Din tkun il-glorja tiegħu fostna...Dan ikun is-servizz tagħna lill-glorja tiegħu.

Mons Dr. J. Farrugia
Arcipriet

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA` PARROKKJALI

| | |
|---|---|
| 31-1-98 | **ANNE** bint George Camilleri u Helen Cassar |
| 31-1-98 | **EMANUEL** iben George Attard u Josianne Sacco |
| 7-2-98 | **JOSEPH** iben Joseph Bernard Porteli u Leanne Bartolo |
| 1-3-98 | **SHANTEI** bint Ruben Said u Pauline Muscat |
| 14-3-98 | **DANIEL** iben Grazio Portelli u Micheline Borg |
| 15-3-98 | **LORELLA** bint Emanuel Castillo u Tiziana Camilleri Cauchi |
| 22-3-98 | **CLARE** bint Melchiorre Cremona u Marica Mercieca |
| 22-3-98 | **STEVE** iben Robert Vella u Josephine Farrugia |
| 29-3-98 | **RIANA** bint Raymond Said u Beatrix Azzopardi |
| 11-4-98 | **STEPHANIA** bint Anthony Grima u Antonia Spiteri |
| 19-4-98 | **JAMES** iben Andrew Gruillage u Josette Bugeja |
| 30-5-98 | **JENNIFER** bint Mario Mifsud u Michelina Mercieca |
| 6-6-98 | **KERSTEN** iben Joseph Grima u Carrie Bajada |
| 13-6-98 | **ROXANE** bint Carmel Camenzuli u Moira Fenech |
| 24-6-98 | **LUKE** iben Jonathan Attard u Joanne Cassar |

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

| | |
|---|---|
| *1-3-98* | Mario Attard (Ghajnsielem) Michelle Buttigieg (Ghajnsielem) |
| *2-5-98* | David Xerri (Xaghra) Francelle Debobno (Victoria) |
| *23-5-98* | Marlon Micallef (Victoria) Sharon Jane Bongailas (Victoria) |
| *20-6-98* | Josmar Spiteri (Kercem) Anne-Marie Aquilina (Victoria) |
| *4-7-98* | Simone Cassar (Victoria) Michael Cini (Zebbug) |
| *5-7-98* | George Azzopardi (Fontana) Maria Carmela Formosa (S. Lawrenz) |
| *10-7-98* | Carmen Grima (Victoria) Sviour Mifsud (Nadur) |
| *11-7-98* | Michael Portelli (Victoria) Miriam Cutajar (Victoria) |

## MARRU JINGĦAQDU MA` KRISTU RXUXTAT

| | | | |
|---|---|---|---|
| 28-1-98 | Annunziata Theuma | 21-5-98 | Carmena Formosa |
| 1-2-98 | George Bezzina | 4-6-98 | Giorgia Sultana |
| 9-3-98 | Dolora Farrugia | 14-6-98 | Frances Buttigieg |
| 6-4-98 | Clemenzia Micallef | 19-6-98 | Joseph Bezzina |
| 10-5-98 | Felice Attard | 25-6-98 | Anton Farrugia |
| 10-5-98 | Francis Mercieca | 27-6-98 | Anton Attard |

## *Donazzjonijiet*

Nick Gatt Lm5.00, F. Muscat Lm2.00, J. Muscat (Mdina) Lm6.00, Anton Pace (U.S.A.) Lm6.00, George Grech (Canada) $20

## Jagħti Servizz fil-Vatikan

L-Abbati mill-Bażilika tagħna Francesco Pio Attard ser jingħaqad ma' grupp ta' abbatini li matul is-sajf ser jagħtu servizz fil-Bażilika ta' San Pietru. Filwaqt li nifirħulu nawgurawlu li din l-esperjenza tgħinu biex tkompli tikber fih l-imħabba biex ikompli jagħti servizz mill-qalb fuq l-artal.





# LEJN IS-SENA 2003

## NITOLBU L-ĦARSIEN TA' SAN ĠORĠ MARTRI

***(DUN GUZEPP GAUCI**, mill-Kollezzjoni tiegħu **'SAN ĠORĠ FL-ARTI U FIL-KULTURA'**, joffrielna gabra ta' ħsibijiet mehudin minn talb li l-popli ta' zmenijiet u postijiet differenti għamlu lil San Ġorġ Martri).*

### ❑ DAĦLA

L-insara ta' kull żmien u ta' kull naħħa tad-dinja hassew il-ħtieġa li jduru lejn San Ġorġ Martri biex jgħinhom fi ħtiġijithom. Jekk nitilqu minn Għawdex tagħna u nduru mal-pajjizi ta' l-Ewropa tal-Punent u ta' Lvant, biex ma nsemmux pajjizi oħra ukoll, u nergħu lura f'Malta, insibu xhieda bla waqfien dwar dan li qed ngħidu. Minħabba f'dan, f'kull naha tad-dinja, kulfejn nibtet u trawmet il-qima lejn San Ġorġ, insibu minsuġin talbiet ta' kull xorta li jfissru l-fidi f'Alla mhawla fil-qlub tal-popli, it-tama qawwija fl-intercessjoni ta' San Ġorġ, u sentimenti reliġjużi mill-isbah li ħarġu, ħafna drabi, minn qlub imnikkta bis-slaleb u d-diffikultajiet tal-hajja. Insibu f'dan it-talb, fuq kollox, idea certa dwar kemm hi effikaci u setgħana l-intercessjoni ta' San Ġorġ.

F'din il-kitba qasira se nirreferi biss għal numru żgħir ta' talbiet mill-ħafna li għandi fil-Kollezzjoni tiegħi dwar San Ġorġ. Min jaf kemm ohrajn li ma ġewx f'idejja. Nittama li l-ftit talb li se nikteb dwarų, ikompli jħeġġeġ lil qlubna b'qima hajja u awtentika lejn San Ġorġ Martri, Patrun u Protettur tagħna.

### ❑ MILL-LITURĠIJA BIŻANTINA

Ħafna pajjizi ta' l-Ewropa tal-Lvant u tal-Punent kienu nfluwenzati mill-Liturġija Bizantina li tqim lil San Ġorġ Martri fost il-qaddisin ewlenin tal-Liturġija tagħħa. Fl-Italja, għad baqa' postijiet li jużaw il-Liturġija Bizantina sa' llum, bħal ma' hu il-'Comune ta' Piana degli Albanesi' fejn San Ġorġ hu l-Patrun. Mill-Liturġija Bizantina naqraw: 'Wara li int (San Ġorġ) gejt imrawwem minn Alla stess, sirt haddiem l-art tal-qdusija, u ħsadt frott abbundanti ta' virtù: int żrajt fid-dmugħ u ħsadt fil-ferħ; iggelidt sat-tixrid tad-demm u ksibt lil Kristu'. għat-talb tiegħek, San Ġorġ, iksbilna lkoll il-maħfra ta'dnubietna'.

Ta' min jgħid li fil-għasar 'il-Kbir' ta' Jum San Ġorġ (23 t'April), il-Liturġija Biżantina tfaħħar lil San Ġorġ bħala 'nobbli' fost il-Martri, 'atleta rebbieħ u premjat' tal-Mulej. San Ġorġ hu mxebbah mal-kbir Appostlu u Martri Pawlu, u lilu hi applikata l-'ġirja' li tintemm bir-rebħa, il-fidi 'mħarsa bla mittiefsa' u l-premju tal-'Kuruna' (2Tim. 4:7) (ara: Tommaso Federici: *'Resuscito Cristo': Commento alle letture bibliche della Divina Liturgia Bizantina: Eparchia di Piana degli Albanesi:* Palermo, 1886).



Hawnhekk xtaqt insemmi ukoll it-Talba bil-Latin li nsibu fil-Ktieb *'Liber Meditationum ac Orationum, qui anthidotarius animae dicitur'* ta' Cistercens Nicolai Salyceti, stampat fi Strasburgo, fl-1489. Fost l-ohrajn, naqraw: 'Ġorġi, martri għażiż, lilek jixraq it-tifħir u l-glorja.... bik il-principessa, imnikkta quddiem l-agħar dragun, ġiet meħlusa mill-Mulej. Nitolbuk biex ..... imnaddfin minn ħtijietna, miegħek naslu fil-glorja'.

Mill-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri, f'Kagran, Vjenna, fl-Awstrija, għandi talba bit-Tedesk, fejn in-nisrani jitlob lil San Ġorġ il-qawwa biex jagħti xhieda għal Kristu kullimkien.

### ❑ MILL-ITALJA

Mill-Italja nsibu numru kbir ta' talbiet lil San Ġorġ. Minn Ragusa Ibla fi Sqallija, insibu talba antika bid-djalett Ġorġ li tidher li hi antika, imma ma ġġib ebda data, fost l-oħrajn, tgħid hekk: 'ja glorjuż martri, iksbilna l-grazzja mingħand Alla, li ahna ma nisthux u lanqas nibżgħu nistqarru, u nkomplu l-għemil li tikkmanda l-fidi tagħna, imma nimtlew bil-kuraġġ biex bl-għemil it-tajjeb neħduha kontra l-egħdewwa tagħha, inbatu kollox, biex fina nżommuha qawwija u bħala suldati qalbenin ta' Ġesù Kristu, miegħek naqilgħu minnu l-kuruna u l-premju tal-ġenna. Amen'.

Fil-ħarġa t'April 1929 tal-'organu' tal-Knisja ta' Savina t'Għawdex, *'Ġesù Ewkaristija'*, hemm Siegħa Adorazzjoni f'erba' ħsibijiet imnebbħin mill-persuna qaddisa ta' San Ġorġ Martri. F'din l-Adorazzjoni Ewkaristika, in-nisrani jinxteħet quddiem Ġesù fl-Ewkaristija, 'bil-ħsieb tiegħu f'Ġorġi... nitolbok bħal ma' talbek tant drabi Ġorġi, waqt li kien joqgħod quddiem l-artal tiegħek'. Dan il-ħsieb meħud minn din l-Adorazzjoni Ewkaristika, ifakkarni f'pittura tas-Seklu 17 li tinsab fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġwann Battista f'Ceccano, Frosinone, fl-Italja, li tippreżenta lil San Ġorġ fuq iż-żiemel qabel ma' mar jitqabad mad-dragun tal-ħażen, quddiem Ġesù fl-Ewkaristija, li tagħħa għandi ritratt fil-Kollezzjoni tiegħi.

*ikompli f'paġna 6*

# PROGRAMM TA' FESTI SOLENNI LI SER JIĠU ĊELEBRATI FIL-KNISJA PROTO-PARROKKJALI U ARĊI-MATRIĊI BAŻILIKA U KOLLEĠĠJATA LATERANENSI TA' SAN ĠORĠ MARTRI

*U*

**FIL-BELT VICTORIA**

*F'ĠIEH*

**IL-PATRUN TA' GHAWDEX**

# SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI

**F'DIN IS-SENA DEDIKATA LILL-ISPIRTU S-SANTU**

***9 - 19 ta' Lulju 1998***

### IL-HAMIS : 9 ta' Lulju 1998
**L-Aħħar Ħamis – Ftuħ tal-Festa**

**Fit-8.15 a.m.:** Quddiesa mill-W. Rev. Kan. Nikol Vella Apap u bidu ta' Jum ta' Talb quddiem Ġesù Ewkaristija espost fil-Bażilika animat mid-diversi Għaqdiet u Komunitajiet Ekkleżjali u Katekistiċi Parrokkjali.

**Fit-9.00 a.m.:** Għotja tad-demm fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex mill-Membri tal-Komunnità Parrokkjali.

**Fis-6.30 p.m.:** Għasar Kantat mir-Rev.mu Kapitlu u Kleru Ġorġjan presedut mir-Rev.mu Mons. Salv Borg, *Prel. D'Onore*, Arċipriet Emeritu, bis-sehem ta' l-Assemblea Liturġika. Il-Kant waqt l-Għasar jitmexxa minn li-*Schola Cantorum Gregoriana* mmexxija minn Rev. Joseph Mercieca Dip.Mus.Sac.

**Fis-7.00 p.m.** Konċelebrazzjoni Solenni preseduta mill-E.T. Mons Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex, għall-Komunità Nisranija kollha u speċjalment għall-lajċi impenjati. Il-kant isir mill-*Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Mro John Galea.

### IL-GIMGHA : 10 ta' Lulju 1998
**Bidu tan-Novena**

**Fid-9.30 a.m.:** Membri tal-Komunità Parrokkjali huma mistiedna jagħmlu għotja tad-Demm fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Matul dan il-jum isiru żjajjar lill-Morda fl-isptarijiet u fi djarhom kif ukoll fid-Djar ta' l-Anzjani fil-Belt Victoria.

**Fil-5.30 p.m.:** Ċelebrazzjoni ta' Merħba għall-Aħwa b'Diżabilità. Quddiesa fil-Bażilika mill-W.Rev. Dun Manwel Curmi. Wara Party fi Pjazza San Ġorġ organizzat miż-Żgħażagħ tal-Parroċċa flimkien ma' l-*Astra Folk Group*.

### IS-SIBT : 11 ta' Lulju

**Fil-4.30 p.m.:** Quddiesa għall-Morda u l-Anzjani ċelebrata mill-W. Rev. Dun Franġisk Vella, Kanoniku Onorarju ġdid tal-Kolleġġjata, li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda lill-morda u l-anzjani preżenti. Wara jsir festin fiċ-Ċentru Parrokkjali organizzat mil-*Ladies Society*. Matul dan il-jum ukoll għadd ta' saċerdoti jagħmlu żjajjar u jiċċelebraw quddiesa lill-Morda u l-Anzjani fi djarhom.

### IL-HADD : 12 ta' Lulju

**Fid-9.00 a.m.:** Konċelebrazzjoni Konventwali preseduta mir-Rev.mu Mons Arċipriet Ġużeppi Farrugia S.Th.D. (Greg.), S.Th.L (Dogma)(Greg.), *Prel. d'Onore*, għat-tfal kollha tal-Komunità Nisranija li fiha ssir il-vestizzjoni ta' l-Abbatini l-Ġodda. Tmiem il-kampanja ta' solidarjetà u preżentazzjoni ta' għotjiet lir-Rev. Dun Manwel Curmi, Direttur tal-Caritas Djoċesana. Il-kant waqt il-Quddiesa jitmexxa mill-*Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Mro John Galea.

**Fl-10.00 a.m.:** Party kbir għat-Tfal kollha fil-Każin La Stella.

**Fil-5.00 p.m.:** Kant ta' l-Għasar mill-Kapitlu u l-Kleru flimkien ma' l-Assemblea Liturġika bis-sehem ta' li-*Schola Cantorum Gregoriana*.

### IT-TNEJN: 13 ta' Lulju

**Fis-7.00 p.m.: Inawgurazzjoni u Tberik mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi tar-Restawr tal-Kwadru ta' San Lazzru** (1689), opra tal-Pittur Giuseppe d'Arena, restawrata minn Godwin Cutajar Dip. IAAR, ICR (Rome), waqt Akkademja Mużiko-Letterarja preseduta mill-Onor. Dr Anton Refalo, LL.D., Segretarju Parlamentari għal Għawdex. Jieħdu sehem il-*Chorus Urbanus* tal-Bażilika ta' San Ġorġ taħt id-direzzjoni ta' Mro John Galea B.Mus.(Dunelm) (Hons.), S.T.C.L., L.R.S.M. u l-*La Stella Brass Quartet* u kelliema distinti.

**Fid-9.00 p.m.:** Ikla Tradizzjonali fi Pjazza San Ġorġ. Mistiedna Speċjali – The Greenfields.

### IT-TLIETA: 14 ta' Lulju

**Fis-7.00 p.m.:** Marċ mill-Banda Ċittadina *La Stella* mill-Każin sa Pjazza San Ġorġ.

**Fit-8.00 p.m.:** Ħruġ min-niċċa ta' l-Istatwa Devota ta' San Ġorġ, Kapolavur fl-injam ta' Pietru Pawl Azzopardi (pre-1838) u l-Ewwel Statwa Titulari f'Għawdex. Illum issir ġabra speċjali għall-Bażilika ta' San Ġorġ.

**Fid-9.00 p.m.:** Iż-Żgħażagħ miġburin fil-Bażilika jingħaqdu ma' San Ġorġ għal "Festa ta' Xhieda Nisranija" organizzata mill-Grupp Żgħażagħ tal-Parroċċa u wara disco fil-Foyer tal-Każin La Stella.

### L-ERBGHA: 15 ta' Lulju
**L-Ewwel Jum tat-Tridu**

**Fis-6.30 p.m.: Kant ta' l-Għasar mill-Kapitlu u l-Kleru tal-Kolleġġjata flimkien ma' l-Assembla Liturġika. Il-Kant 'a Cappella' jsir mill-Kor *Laudate Pueri* taħt id-direzzjoni tar-Rev. Dun George J. Frendo S.Th.L. L-Ewwel Priedka tat-Tridu mir-Rev.mu Mons. Ġorġ Tabone tal-Kapitlu Katidrali. Innu, Antifona u Benedizzjoni Ewkaristika.**

*Matul il-jiem tat-Tridu jiġi esegwit mill-Orkestra l-Innu "Georgi Miles Inclite" (1878), kompożizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia, u l-Antifona (pre-1890), mużika ta' Carlo Flamengo fuq il-versi ta' San Pier Damiani. Jieħdu sehem is-solisti Aurelio Santalena (Tenur) u Carlos de Miranda (Baritonu).*

**Fid-9.30 p.m.: Marċ mill-Banda La Stella li jibda' minn Triq Għajn Qatet. Fi Pjazza San Franġisk jingħata bidu għal Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-liemel, xogħol il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi, u li fiha tieħu sehem ukoll il-banda *Santa Maria* taż-Żebbuġ. Logħob tan-nar fi Pjazza San Franġisk u fi Triq ir-Repubblika.**

### IL-HAMIS: 16 ta' Lulju
**It-Tieni Jum tat-Tridu**

**Fit-8.15 a.m.: Konċelebrazzjoni mill-Kapitlu u l-Kleru tal-Parroċċa.** F'din il-konċelebrazzjoni jsir talb speċjali għall-Membri tal-Komunità Parrokkjali li mietu mill-aħħar festa ta' San Ġorġ 'l hawn.

**Fis-6.30 p.m.: Għasar bil-Kant Polifoniku, it-Tieni Priedka tat-Tridu, Innu, Antifona u Benedizzjoni Ewkaristika.**

**Fid-9.30 p.m.:** Marċ brijuż mill-Banda *La Stella* bl-istatwa ta' San Ġorġ, xogħol ta' Austin Camilleri minn Pjazza San Ġorġ għal mat-toroq ta' madwar il-Bażilika. Dan il-marċ huwa organizzat mill-*Għaqda Żgħażagħ La Stella.* Logħob tan-nar fi Pjazza San Ġorġ.

### IL-GIMGHA: 17 ta' Lulju
**It-Tielet Jum tat-Tridu**

**Fit-8.15 a.m.: Konċelebrazzjoni mill-Kapitlu u l-Kleru** b'talb speċjali għas-Saċerdoti mejtin li qdew il-ministeru pastorali fil-Parroċċa ta' San Ġorġ.

**Fis-6.00 p.m.: Għasar bil-Kant Polifoniku, it-Tielet Priedka tat-Tridu, Innu, Antifona u Benedizzjoni Ewkaristika.**

**Fid-9.30 p.m.: Dimostrazzjoni grandjuża bl-istatwa ta' San Ġorġ (1894), Kapolavur ta' Vincenzo Cremona u l-Ewwel Statwa tal-Festi Esterni ta' Għawdex. Tmexxi d-dimostrazzjoni l-Banda *La Stella*, li żżanżan sett ta' marċi ġodda. Tieħu sehem ukoll il-Banda *San Ġużepp* ta' Għajnsielem. Logħob kbir tan-nar fi Triq ir-Repubblika.**

### IS-SIBT: 18 ta' Lulju
**Lejliet il-Festa**

**Fit-8.15 a.m.: Konċelebrazzjoni Pontifikali preseduta mill-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca B.A.(Lond.), S.Th.D.(Greg.), J.U.D.(Lat.), Arċisqof ta' Malta, li fiha Mons. Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Konfermazzjoni lit-Tfal ta' l-Emigranti. F'din il-Quddiesa, li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali l-emigranti Ġorġjani, isir talb speċjali għall-benefatturi ħajjin u mejtin tal-Parroċċa. Fi tmiem il-Konċelebrazzjoni, Mons. Arċisqof jintona t-*Te Deum* li jġib fi tmiemu t-Tridu ta' San Ġorġ.**

**Fid-9.00 a.m.:** Laqgħa ta' merħba u ħbiberija għall-Emigranti Ġorġjani fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Fid-9.30 a.m.:** Marċ brijuż mill-Banda Ċittadina *La Stella* fiċ-ċentru tal-Belt Victoria.

**Fil-5.30 p.m.:** Quddiesa mill-W. Rev. Mons. Alfred Xuereb S.Th.D., *Cap. di S.S.* Kanoniku Onorarju ġdid tal-Kolleġġata, Uffiċjal fis-Segreterija ta' l-Istat tal-Vatikan.

**Fis-6.10 p.m.:** Il-Kapitlu u l-Kleru tal-Bażilika joħorġu mill-Bażilika u jimmarċjaw lejn il-Palazz Veskovili biex jakkompanjaw lill-E. T. Mons. Isqof Djoċesan mir-Residenza Uffiċċjali tiegħu sal-Bażilika Ġorġjana.

**Fis-6.30 p.m.:** Marċ brijuż mill-Banda Ċittadina *La Stella* mill-Każin sa Pjazza San Ġorġ biex tilqa' l-wasla ta' l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi Ph.D., Lic.Sc.Soc., Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan.

**Fis-6.30 p.m.: Translazzjoni u Ċelebrazzjoni Pontifikali tal-Primi Vespri preseduti mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, assistit minn Delegazzjoni tar-Rev.mu Kapitlu Katidrali u bis-sehem tar-Rev.mu Kapitlu u Kleru tal-Kolleġġjata *in urbe*. Ċelebrazzjoni Ewkaristika.**

*Jiġi esegwit l-Għasar "Vespri per la Solennità di San Giorgio Martire" (1892), kompożizzjoni tal-Mons. Giuseppe Farrugia. Jiġu esegwiti wkoll iż-żewġ antifoni "Beatus Georgius" rispettivament ta' Mro Flamengo (pre-1890) u Mons. Farrugia (1897 ) u t-"Tantum Ergo in onore di San Giorgio Martire" (1901) ta' Mons. Farrugia.*

**Fit-8.00 p.m.:** Programm Mużikali mill-Banda Ċittadina *King's Own* tal-Belt Valletta, fi Pjazza San Ġorġ, taħt id-direzzjoni ta' Mro Carmelo Caruana.

**Fid-9.30 p.m.: Fi Pjazza San Ġorġ, esekuzzjoni mill-Banda *La Stella* ta' l-Innu Immortali A San Giorgio Martire, versi tal-Prof. Luigi Billion u mużika ta' Mro Giuseppe Giardini Vella, taħt id-direzzjoni tal-Prof. Mro Joseph Vella B.Mus.(Dunelm), F.L.C.M. Dritt wara, marċ singolari bis-sehem taż-żewġ baned *King's Own* u *La Stella* li matulu jdoqqu flimkien bħala *massed band* fi Triq ir-Repubblika. Logħob Kbir tan-Nar fi Pjazza San Franġisk.**

### IL-HADD, 19 ta' Lulju
### JUM IL-FESTA

**Fit-8.00 a.m.:** Marċ mill-Banda *La Stella* biex takkompanja l-wasla ta' l-E.T. Mons. Isqof sa Pjazza San Ġorġ.

**Fit-8.00 a.m.:** Il-Kapitlu u l-Kleru tal-Bażilika joħorġu mill-Bażilika u jimmarċjaw lejn il-Palazz Veskovili biex jakkompanjaw lill-E. T. Mons. Isqof Djoċesan mir-Residenza Uffiċċjali tiegħu sal-Bażilika Ġorġjana.

**Fit-8.15 a.m.:** Wasla mill-Palazz ta' l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, akkumpanjat mir-Rev.mu Kapitlu u l-Kleru ta' l-istess Kolleġġjata. Kant tat-Terza.

**Fit-8.30 a.m.: Konċelebrazzjoni Pontifikali preseduta mill-E.T. Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi, assistit minn Membri tar-Rev.mu Kapitlu Katidrali, flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Kolleġġjata Lateranensi, tar-Rev. Kleru tal-Bażilika Ġorġjana, u ta' Rev. Membri oħra tal-Kleru Sekolari u Reliġjuż. Jinseġ il-paniġierku l-W.Rev. Mons. Lawrenz Sciberras, M.A., S.S.L., S.Th.L., Cap. di S.S., Professur ta' l-Iskrittura Mqaddsa fis-Seminarju ta' Għawdex.**

*Tiġi esegwita l-Quddiesa "Mass in D" tal-Prof. Joseph Vella, Maestro di Cappella tal-Bażilika u Surmast Direttur tal-Banda La Stella.*

*ikompli, aqleb* ☞

*Din il-Quddiesa se tiġi tmxandra mill-PBS fuq Radju Malta 1.*

**Fl-10.30 a.m.:** Marċ Brijuż mill-Banda *Anici* ta' Ħal-Qormi.

**Fis-2.30 p.m.:** Tiġrijiet Tradizzjonali tal-bhejjem fi Triq ir-Repubblika. Fi tmiem it-tiġrijiet, l-Onor. Dr Anton Refalo, Segretarju Palamentari għal Għawdex iqassam it-Trophies lir-rebbieħa.

**Fis-6.00 p.m.:** Marċ mill-Banda *Prekursur* tax-Xewkija minn Pjazza San Franġisk għal Pjazza San Ġorġ.

**Fis-6.00 p.m.: Għasar Solenni mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata presedut mir-Rev.mu Mons. Emanuel Mercieca, Protonotario Apostolico u Arċipriet Emeritu tal-Kolleġġjata. Antifona u Benedizzjoni Ewkaristika.**

**Fis-6.30 p.m.:** Marċi mill-baned *La Stella* u *Mnarja* tan-Nadur minn Triq ir-Repubblika għal Pjazza San Ġorġ.

**Fis-7.15 p.m. Tibda ħierġa l-Purċissjoni Pontifikali. Il-Banda La Stella tilqa' l-ħruġ ta' l-Istatwa Titulari tal-Protettur ta' Għawdex bl-Innu Reliġjuż "Georgius Natus Est", versi tal-Kan. Joe Mejlak, mużika tal-Prof. Joseph Vella.**

**Fis-7.30 p.m. Il-Banda *La Stella* issellem lil San Ġorġ, Patrun tad-Djoċesi, bl-esekuzzjoni ta' l-Innu Kbir Immortali "A San Giorgio Martire", versi tal-Prof. Luigi Billion, mużika tas-Surmast Giuseppe Giardini Vella, bis-sehem tat-Tenur Aurelio Santalena, il-Baritonu Carlos de Miranda u l-Kor tas-Soċjetà.** *Kien dan l-Innu li ta bidu għat-tradizzjoni ta' l-Innu l-Kbir fil-bidu tal-purċissjonijiet titulari, liema tradizzjoni ġiet adottata mill-parroċċi l-oħra kollha ta' Għawdex.*

**Fit-7.45 p.m.: Tibda timmarċja l-Purċissjoni Pontifikali, immexxija mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, bis-sehem tal-Kapitlu u l-Kleru tal-Parroċċa, l-Ordnijiet Reliġjużi tal-Belt Victoria u s-Seminaristi tad-Djoċesi. Takkumpanja l-Banda *La Stella* bid-daqq ta' innijiet reliġjużi u popolari.**

**Fit-8.30 p.m.:** Fi Pjazza San Ġorġ, programm mużikali mill-Banda *Prekursur* tax-Xewkija taħt id-direzzjoni ta' Mro Tonio Borg.

**Fid-8.45 p.m.:** Fi Pjazza Indipendenza, programm mużikali mill-Banda *Mnarja* tan-Nadur taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Grech.

**Fl-10.15 p.m.: Daħla Trijonfali ta' l-Istatwa ta' San Ġorġ fil-Bażilika fost id-daqq mill-Banda Mnarja u l-kant ta' l-Innu Popolari "Lill-Kbir Martri San Ġorġ", versi ta' Patri Akkursju Xerri u mużika tas-Surmast Vincenzo Ciappara.**

**Fil-11.00 p.m.:** Marċ brijuż mill-Banda *La Stella* li bih jaslu fi tmiemhom il-Festi Ewlenin f'ġieħ il-Qaddis Patrun ta' Għawdex, San Ġorġ Megalomartri.

—

***Il-Quddies fil-Bażilika f'jum il-festa: Fil-għodu: fl-4.00, 5.00, 5.30, 6.00, 6.30, 7.00, 7.30 (fil-Bażilika), 8.00 (fiċ-Ċentru Parrokkjali), 8.30 (Bażilika), 9.00, 9.30, 10.00 (fiċ-Ċentru Parrokkjali) u fil-11.00 u 12.00 (fil-Bażilika). Fil-għaxija: fl-4.00 u fil-5.00.***

—

*Il-mużika fil-Bażilika, kemm fil-jiem tat-Tridu, kif ukoll lejlet u nhar il-festa tkun taħt id-direzzjoni ta' Profs. Joseph Vella B. Mus. (Dunelm), F.L.C.M., Maestro di Cappella.*

*Il-mużika ta' Lejliet u Nhar il-Festa hi organizzata mir-Rev. Dun George J. Frendo u Ms Maria Frendo L.R.S.M., F.T.C.L.(Pianf.), F.L.C.M. (Singing), M.A. (Eng.Lit.),*

*Fuq stedina tal-Kor "Laudate Pueri" se jaghtu s-sehem distint taghhom waqt il-mużika kollha ta' matul il-festa s-solisti barranin Aurelio Santalena (Tenur), Carlos de Miranda (Baritonu) u Luciano Martusciello (Baxx).*

### OPRI ĠODDA

❑ Restawr tal-Kwadru ta' l-Altar ta' San Lazzru, opra stupenda ta' Giuseppe d'Arena li saret fl-1689. Dan ir-restawr sar mir-restawratur Għawdxi Godwin Cutajar u tħallas mill-"Ladies Society" tal-Bażilika ta' San Ġorġ.

❑ L-ewwel fażi tad-dekorazzjoni tas-Saqaf ta' l-Oratorju tal-Bażilika, disinn tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi u xogħol fil-pasta tas-Sur Anthony Xuereb. Din l-opra qed jiġbor għaliha l-Kanoniku Teżorier Mons. Anton Grech Vella.

❑ Bradella għall-istatwa ta' Kristu Rxoxt, maħduma minn Mario Attard fuq id-disinn tal-Kav. Alfred Camilleri Cauchi u mħallsa mill-mibki Anton u martu Francesca Attard. ●

*jaqbad minn paġna 3*

### ❑ GĦELUQ

Aħna u nitħejjew biex, ħames snin oħra, niċċelebraw kif jixraq is-17 il-ċentinarja mill-Martirju ta' San Ġorġ, tajjeb li nagħmlu użu minn dawn il-ftit ħsibijiet meħudin mit-talb, jew aħjar, mit-'tnehid imnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu' lil ħafna nsara li raw f'San Ġorġ mezz effikacissimu li jressaqhom għand Kristu. Dawn il-ħsibijiet għandhom iqanqluna, fuq kollox, biex ngħixu dak li nitolbu, u b'hekk jgħinuna nsiru dejjem aktar nixbhu lil San Ġorġ Martri, il-Protettur setgħan u qawwi tagħna.

### L-INNU TALBA LIL SAN Ġorġ TA' RAGUSA IBLA

*PREGHIERA*

O San Giorgi protetturi,
nostr' invittu difensuri,
accittati omai li voti
di nautri divoti.

Vui chi tantu zelu avisti,
chi tant'aimi cunvirtisti,
deh! benignu riguardati
di Ragusa sta sitati.

O Patronu ed avvocatu,
liberatici dal peccatu
e rinnitini sicuri
dal nimicu tentaturi.

Vui chi l'empia idalatria
abbattisti, deh! gia' sia
sempri rutta la catina
chi a l'infernu ni trascina.

Deh! stinniti, o illustri Santu,
supra nui lu vostru mantu,
li flagelli alluntanati
pri la vostra gran buntati.

Liberati a sti divoti
da timpesti e terremoti;
da nui ancora removiti
guerra, pesti, fami e siti.

O San Giorgi invittu e forti,
proteggitimi a la morti:
a ddu passu cadirimu
si assistiti nun sarimu.

Prutetturi gloriusu,
a Gesù' ch' e' nostru sposu
deh! prigati tutti l'uri
chi cci accordi ddu duluri.

Ni la morti, a li piccati,
chi ci renni cunsulati,
pri nuriri santamenti
e gudirlu eternamenti.

Cu li Santi e cu Maria
ed in vostra cumpagnia;
mentri gridamu a vuci assai giuliva
viva San Giorgi ed in eternu viva!

## *Mid-Diskorsi ta' l-Isqof San Pietru Damiani*
**(Sermo 3, De Sancto Georgio)**

# TWETTAQ BIS-SINJAL TAS-SALIB

Għeziez, il-festa ta' llum hi marbuta mal-ferħ u l-glorja ta' l-Għid, qisha hagra prezzjuza tleqq li bi gmielha tkompli ssebbah id-deheb li tkun ingastata fih.

San Ġorġ għadda minn ezerċtu għal ieħor; huwa hall d-dinjita' ta' ufficcjal ta' l-art u daħal fl-ezerċtu nisrani. Bħala suldat tassew qalbieni, huwa ta kull ma kellu lil-foqra biex jehles mill-piz tal-gid tad-dinja, u hekk, hafif u bla xkiel, libes il-korazza tal-fidi, u bil-hegga kollha nxtehet f'nofs it-taqtigħa bħal gwerrier ta' Kristu.

Minn dan nitgħallmu sewwa li min jibza' jinfired mill-gid ta' l-art ma jistax jissielet u jiddefendi l-fidi bil-qawwa u kif imiss.

San Ġorġ theggeg bin-nar ta' l-Ispirtu s-Santu u b'mod ta' l-għageb twettaq bis-sinjal tas-salib; hekk daħal għattaqbida kontra sultan ħażin biex jirbaħ lill-princep tal-ħżiena kollha fil-qaddej tiegħu, u biex jagħmel il-qalb lis-suldati ta' Kristu ħa jissaraw b'ħilithom kollha.

Il-mexxej il-kbir li ma jidhirx kien għajnejh fuqu. Huwa għogbu jhalli l-idejn tal-ħżiena jaħqruh; imma jekk ta' gisem il-martri tiegħu f'idejn qattiela, huwa żamm lil ruħu fil-fortizza qawwija tal-fidi, u ma waqafx iħarsu bid-driegħ setgħani tiegħu.

Inħarsu, huti għeziez, lejn dan is-suldat ta' l-ezerctu tassema, mhux biss biex nistagħgbu bih imma ukoll biex insiru nixbhuh; nerfgħu l-ispirtu tagħna lejn il-premju u l-glorja tas-sema, indawwru l-għajnejn ta' qalbna 'l hemm fuq, biex ma nhallux lid-dinja ccaqlaqna, la bil-hlewwa u ż-żegħil tagħha, lanqas bit-tehid u l-korla tagħha għalina.

Nitnaddfu minn kull tidnis tal-gisem u r-ruh, kif jgħidilna Pawlu, biex 'il quddiem ikun jisthoqqilna nidhlu f'dak it-tempju hieni li l-harsa spiritwali tagħna hija mwaħhla fih.

Min irid joffri lilu nnifsu b'sagrificcju lil Alla fit-tempju ta' Kristu, li hu l-Knisja, jeħtieġ li, wara li jkun inhasel bl-ilma ta' l-għajn qaddisa, jilbes l-ilbies tal-ħafna virtujiet, kif tgħid l-Iskrittura: Jilbsu l-ġustizzja l-qassisin tiegħek, biex min jitwieled mill-ġdid fi Kristu bil-magħmudija u jsir bniedem ġdid, ma jibqax iħalli fuqu lbies li juri l-mewt imma jinza' mill-bniedem il-qadim u jilbes il-ġdid, u jgħix bil-ħerqa kollha f'dan it-tiġdid permezz ta' ħajja safja.

Nitnaddfu, mela, mill-ħmieġ ta' l-imgħoddi midneb tagħna u niżżejjnu bid-dija tal-hajja l-ġdida biex jisthoqqilna niccelebraw il-misteru ta' l-Għid, u hekk insiru nixbħu tassew lill-qaddisin martri. ●

## *Nifirħulhom*

Il-Board Editorjali flimkien mal-Komunita' Parrokkjali jifraħ lil **Wisq Rev. Dun Franġisk Vella** u lil **Wisq Rev. Mons. Alfred Xuereb S.Th.D.,Cap.Di S.S.** li ġew maħtura **Kanoniċi Onorarji** fil-Kapitlu tal-Kolleġġjata tagħna. Nixtequlhom minn qalbna *AD MULTOS ANNOS*

# Rokna għat-Tfal

Għeżież tfal,

Spiċċat l-iskola. Għaddew l-ezamijiet. Ħarġu r-riżultati. Waslet il-festa!

Min jaf kemm ser tiddevertu fil-marċijiet. Kemm se tieħdu ġelati u ħelu. Dan kollu sewwa, però tinsewx tieħdu sehem fil-funzjonijiet li jsiru għalikom. San Ġorġ, li miet għal Kristu f'eta żgħażugħa, għandu jkun il-mudell tagħkom. Illum hawn ħafna affarijiet li jaljenawna u forsi wkoll ibiegħduna mill-knisja. Oqgħodu attenti tfal. Itolbu lil San Ġorġ f'dawn il-ġranet ta' festa biex iħariskom u jagħtikom il-kuraġġ ħalli sa mill-eta' żgħira tagħkom tkunu tafu tgħidu 'le' għal min jipprova jħassarkom. Kunu bħal Ġorġi tagħna kburin li intom insara għax b'hekk biss turu li verament jisthoqqilkom tissejħu Ġorġjani.

Kelma oħra! Naturalment la spiċċat l-iskola spiċċa dak il-ġenn ta' privat, studju, homework u affarijiet oħra. Però tabbandunawx kollox. Kuljum għandkom taqbdu ktieb jew magazin u toqgħodu taqraw ftit. Il-ktieb għandu jkun ħabib tagħkom ukoll.



Jiena naf kemm tħobbu il-baħar u kull ċans li jkollkom tmorru tgħumu. Oqgħodu attenti minn żewġ affarijiet. Ħudu ħsieb li ma tkorrux. Oqgħodu attenti fejn tgħumu u fejn tmorru. Però iktar importanti attenti ma min tgħamlulha. Araw li l-ħbieb li jkollkom ikunu ħbieb verament u mhux ħbieb li jħassrukom. Attenti.

*Iz-ziju Peppi*

## IS-SAQAF TA' L-ORATORJU TAL-BAŻILIKA

Matul l-aħħar sena ngħata bidu għall-proġett taddekorazzjoni tas-saqaf ta' l-Oratorju fil-Bażilika tagħna. Dan kien possibli li jsir bl-inizjattiva tal-Kanoniku Teżorier Mons. Anton Grech Vella li minkejja l-età u l-ħidma kbira li wettaq matul is-snin biex tiżżejjen il-Bażilika, qed ikompli jistinka ħalli jara dan is-saqaf komplut. Id-disinn li fuqu sar ix-xogħol huwa tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi li huwa magħruf biżżejjed għal opri kbar madwar Malta u Għawdex kollu. Ix-xogħol tal-pasta sar mis-Sur Anthony Xuereb li fir-ritratt jidher fuq l-armar waqt li kien għaddej ix-xogħol.



# XOGĦOL TA' KONSERVAZZJONI U RESTAWR FUQ IL-KWADRU 'SAN LAZZRU' FIL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ MARTRI, RABAT.

GODWIN CUTAJAR dip. IAAR, ICR Roma.

**TEKNIKA U STORJA:**

Din is-sena sar xogħol ta' konservazzjoni u restawr fuq il-kwadru ta' San Lazzru li jzejjen l-artal tal-kappellun tal-lemin tal-Bażilika ta' San Ġorġ Martri. Il-kwadru, oriġinarjament, kien ta' daqs 310.5 x 231.5 cm. Hu maħdum fuq support magħmul minn tliet strixxi ta' xkora, identiċi fl-għamla tagħhom. Dawn l-istrixxi, kull waħda ta' wisgħa approssimattiv ta' 79 cm, huma meħjutin flimkien. Il-ħjata hi ta' ħxuna medja, kemmxejn miftuħa u b'dijametru li jvarja minn ħajta għal oħra. Fuq l-ixkora ngħatat preparazzjoni ta' lewn kannella, li hi wkoll ta' ħxuna medja. Il-preparazzjoni ġiet ippressata sewwa waqt l-applikazzjoni, għax ħafna minnha għaddiet għan-naħa ta' wara tas-support. Il-pittura ġiet imbagħad maħduma b'żebgħa taż-żejt, b'konsistenza li tvarja minn velaturi ħoxnin għal impasti aktar qawwija fejn l-aktar jaqa' dawl. Ta' min isemmi l-bravura li l-artist wera fix-xogħol tal-pinzell fil-figuri t'isfel. It-teknika tagħti karattru robust lill-kwadru, u dan donnu jsaħħaħ il-mument qawwi rappreżentat, jiġifieri l-ħruġ ta' Lazzru mill-qabar.

Qabel dan l-intervent preżenti ta' konservazzjoni, l-kwadru kellu ta' l-inqas intervent ieħor. Fil-fatt il-kwadru kien ġie mwaħħal fuq support li saħħah dak oriġinali. Dan is-support il-ġdid kien magħmul minn erba' strixxi ta' xkora meħjutin flimkien. Dawn l-istrixxi huma identiċi fl-għamla tagħhom, izda differenti fil-wisgħa: tlieta ta' wisgħa 68 cm u waħda ta' 35 cm. Il-kolla wżata kienet dik tradizzjonali, bażata fuq adesiv ġej mill-annimali, Dan il-proċcess, iż-żewġ ħjatat tas-support oriġinali,imbuttati 'l quddiem mis-support mizjud, ħadu xi ftit prominenza fuq il-pittura. Il-pittura ġiet imbagħad miġbuda u msammra b'imsiemer ta' l-injam fuq tilar fiss ta' l-injam ukoll. F'dan l-intervent, il-kwadru ġie mkabbar fuq il-lemin tiegħu b'wisgħa ta' 5 cm, żieda li ġiet provduta mix-xkora l-mizjuda.

F'mument suċċessiv, il-kwadru reġa' ġie mkabbar b'10.8 cm fl-għoli tiegħu. Iż-żieda, din id-darba, saret billi ssammret injama man-naħa t'isfel tat-tilar. L-imsiemer użati, din id-darba, huma tal-metall, tat-tip industrijali u b'tul ta' 15 cm. L-injama ġiet irtukkata b'mod li taqbel mal-parti t'isfel tal-kwadru. F'din iz-zona saru wkoll xi rtokku fuq il-pittura oriġinali, biex iż-żieda taqbel aktar mal-kuntest. Il-kwadru, jista' jkun li ġie mkabbar meta sarlu l-gwarniċ ġdid ta' l-irħam.

Il-lewn ikħal tal-mant ta' Kristu fil-kwadru ddeterjora tant illi l-mudellazzjoni tal-piegi spiċċat. Għalhekk kien ġie rtukkat. Il-kwadru għandu fuqu strat protettiv dizomoġenju ħafna.



**STAT TA' KONSERVAZZJONI:**

Strutturalment, l-istat ta' konservazzjoni tal-kwadru ma kienx ħażin żejjed. It-tilar, għalkemm kellu attakk ta' susa, kien għadu jiflaħ iġorr il-materja pittorika. Is-support mogħti mix-xkora l-miżjuda kien għadu tajjeb ukoll.

Mill-banda l-oħra, iżda, ippreżenta problema estetiċi. Fil-fatt, il-ħjatat tas-support oriġinali kienu promineti u prattikament jiddividu l-kwadru fi tliet biċċiet. Iż-żebgħa tal-kwadru hi arida, turi krettaturi forma ta' mħara, kif ukoll għadd ta' abrazjonijiet superfiċjali. L-irtokk qdiemu u skuraw. L-istrat protettiv tal-kwadru wkoll qdiem u sfar. Tul iż-żmien, il-kwadru kien ġabar trab, qtar ta' xema' u materjal ieħor estranju għall-materja pittorika.

**INTERVENTI TA' KONSERVAZZJONI U RESTAWR:**

Ix-xogħol estentiv ta' konservazzjoni u restawr fuq il-kwadru sar kollu f'sal annessa mal-kumpless tal-Bażilika ta' San Ġorġ Martri. Ix-xogħol imbeda bi studju mill-qrib tal-kwadru u ta' l-aħjar interventi għall- konservazzjoni u r-restawr tiegħu. Ġie deċiż illi ż-żewġ linji vertikali dovuti għall-ħjata, (imsemmija qabel) jitbaxxew. Għal dan il-għan, is-support il-miżjud ġie mneħħi, u b'hekk, il-ħjatat fuq is-support oriġinali setgħu jiġu milħuqa u jitbaxxew. Il-kwadru , imbagħad, reġa' ġie mwaħħal fuq support miżjud ġdid li ħa post dak li kien tneħħa. F'dan l-intervent il-krettaturi ġew xi ftit imbaxxija. It-tilar il-qadim ġie mibdul b'wieħed ġdid, espandibbli u aktar robust, maħdum b'sengħa kbira mill-imgħallem mastrudaxxa s-Sur Ġorġ Gauci, mir-Rabat. It-tilar il-ġdid hu akbar minn ta' qabel għax inkludi ż-żieda li kienet saret fid-dimensjonijiet meta ġie mkabbar il-kwadru.

Wara dan, inbeda t-tindif tal-kwadru, jiġifieri t-tneħħija minn fuq il-pittura tal-varniċ qadim u elementi oħra estranji għall-materja pittorika. Dan il-proċess sar b'mezzi kimiċi kif ukoll mekkaniċi; sfida teknika kienet it-tneħħija tal-ħmieġ mill-fondijiet taż-żengħa l-ħoxna. L-irtokki fuq il-mant ta' Kristu, peress li qed jieħdu post ta' mudellizzjoni li spiċċat, ma ġewx imneħħija

Irqajja' ta' żebgħa li kienu nieqsa mill-kwadru gew imbagħad irtukkati. Ġie deċiż li l-irtokki għandhom jingħażlu mill-oriġinal, u għalhekk intużat is-sistema 'a tratteggio'. Dan ġie applikat fuq l-irqajja' l-kbar, jiġifieri ż-żidiet fid-dimensjoni tal-kwadru. Irqajja' żgħar, li fuqhom mhux teknikament possibbli li jsir it-tratteggio, ġew mimlija b'velaturi. L-irtokk fuq il-mant ta' Kristu ġew aġġornati biex jidħlu aħjar fil-kuntest tagħhom. Fuq il-kwadru tħalla jidher qsim ta' żebgħa li ma ġiex rintegrat. Dan għaliex ma joffrix problemi, la strutturali u anqas estetiċi, u fl-istess ħin jindika l-mogħdija taż-żmien minn fuq din l-opra ta' l-arti. Il-kwadru ġie mogħti varniċ ġdid li jipproteġi u jagħti lill-pittura dehra friska.

Dan ix-xogħol ta' konservazzjoni u restawr ġie segwit b'intelliġenża mill-W.R. Mons. Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ, Dr. Joseph Farruġia. Fil-fatt hu biss grazzi għall-ħeġġa kostanti tiegħu li dan ix-xogħol ġie mibdi u mitmum. ●